# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Emanuel Abela**

**Illum 4 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Abela, ta' 50 sena, iben Lawrence Abela u Emanuela Abela nee' Demarco, imwieled tal-Pieta' nhar it-22 ta' Jannar 1969, residenti fi Block 4, Flat 6, Triq Hal-Luqa, Hal Tarxien u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 84769M.

Akkuzat talli:-

1. Bejn nhar it-03 ta' Ottubru 2020 u t-02 ta' Jannar 2021 f'dawn il-gzejjer kiser wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digrieti ghall-helsien mill-arrest, akkordati lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Magistrat Dottor Anthony Vella LL.D nhar l-10 ta' Gunju 2018, liema kundizzjonijiet kienu mghotija lilu kontra depozitu ta' €500 u garanzija personali ta' €5000, bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli nhar id-19 ta' Dicembru 2020, naqas milli jhares xi kundizzjoni jew kundizzjonijiet moghtija lilu mill-ufficjal tal-kustodja nhar is-16 ta' Dicembru 2020, bi ksur tal-artikolu 355AL tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz illi tinstab htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Emanuel Abela nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li l-ammont ta' €5,500 jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, hekk kif mahsub fl-artikolu 579 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rast l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi peremzz ta' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet imposti ma' l-ghoti ta' helsien mill-arrest u li naqas milli jhares kundizzjoni imposta ma' l-ghoti tal-helsien mill-kustodja.

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li fil-konfront ta' l-imputat hemm proceduri penali pendenti li qeghdin fi stadju ta' appell. Fil-kors ta' dawn il-proceduri l-imputat kien inghata l-helsin mill-arrest permezz ta' degriet datat 10 ta' Gunju 2018[1]. Fost il-kundizzjonijiet imposti f'dan id-degriet kien hemm dik li l-imputat jirrapporta f'l-ghassa tal-pulzija ta' Rahal l-Gdid kull nhar il-Erbgha u nhar is-Sibt bejn l-5:00am u l-5:00pm. L-ufficjali prosekuturi kienu gew infurmati li l-imputat waqaf jiffirma fit-30 ta' Settembru 2020, fatt li jirrizulta mill-bail book relattiv[2]. Fid-29 ta' Ottubru 2020 l-imputat kellu jidher il-Qorti fil-kawza li fiha kien inghata l-bail pero s-seduta ma nzammitx. Wara din id-data l-imputat tpogga fuq il-lista ta' persuni "wanted" mill-pulizija u minkejja diversi tentattivi, anke fir-residenza tieghu, l-imputat baqa' ma nstabx. Kien biss fil-15 ta' Dicembru 2020 meta kien qieghed f'l-ufficju ta' Identity Malta l-Msida, fejn kien mar biex jirranga l-karta ta' identita tieghu, li gie arrestat. Malli gie arrestat l-imputat ilmenta li kellu bzonn assistenza medika ghalhekk ittiehed l-isptar u fis-16 ta' Dicembru 2020 inghata police bail bil-kundizzjoni li jirraporta ghand il-pulizija nhar is-Sibt 18 ta' Dicembru 2020[3]. L-imputat pero naqas li jmur id-depot tal-pulizija. Fil-21 ta' Dicembru 2020 l-imputat volontarjament irrikovera lilu nnifsu l-isptar Monte Carmeli[4] fejn inzamm ghal kwazi gimghatejn; malli kien ser jigi discharged gie arrestat u tressaq quddiem din il-Qorti.

[1] Dok SP1 a fol 17.
[2] Dok SP6 a fol 24.
[3] Ref Dok SP4 a fol 18.
[4] Ref Dok SP7 a fol 25.

Illi l-imputat da parti tieghu xehed quddiem din il-Qorti u prezenta zewg certifikati medici: wiehed datat 3 ta' Ottubru 2020[5] u l-iehor datat 7 ta' Novembru 2020[6]. Dwar l-ewwel certifikat, dak datat 3 ta' Ottubru 2020, l-imputat jghid li kienu mietu l-genituri tieghu u kien ghaddej minn zmien hazin. It-tabib tieghu, Dr Silvio Grixti, kien jghinu hafna u qallu li kien ikun ahjar kieku jaghmel zmien joqghod id-dar milli joqghod jiggerra 'l hawn u 'l hemm. Dwar it-tieni certifikat, cioe dak datat 7 ta' Novembru 2020, ukoll mahrug mit-tabib Dr Silvio Grixti, l-imputat jghid li baghat dan ic-certifikat l-ghassa pero ma giex accettat ghaliex ismu gie indikat bhala Noel u hux Emanuel. L-imputat ikkonferma li f' Dicembru 2020, minn jeddu, dahal l-isptar Monte Carmeli.

Illi l-imputat ressaq xhud: Maria Caruana in rapprezentanza tal-Caritas. Mid-depozizzjoni taghha jidher li l-imputat beda jigi segwiet meta rrikovera lilu nnifsu l-isptar Monte Carmeli. Inizjalment l-imputat wera x-xewqa li jidhol ix-shelter tal-Caritas, fejn wiehed joqghod ghal sitt gimghat biex minn hemm jibda programm residenzjali. Mid-depozizzjoni taghha jirrizulta li eventwalment l-imputat biddel il-fehma u qal li ma riedx jaghmel programm residenzjali imma jirikorri ghas-servizz ta' outreach cioe kuntatt regolari ma' key worker.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jinghad li l-kundizzjoni imposta fuq l-imputat hija dik li *jirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija tad-Distrett ta' fejn joqghod jigifieri f'l-Ghassa ta' Paola kull nhar ta' Erbgha u Sibt bejn 5am u 5pm, b'dan illi jekk ma jkunx jista' jirrapporta kif fuq inghad, ghandu jibghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih qed jigi obbligat li jirrapporta.*

Illi minn qari taghha huwa car li l-imputat jkun gustifikat milli ma osservax din il-kundizzjoni "jekk ma jkunx jista" u din l-impossibilita tkun pruvata permezz ta' certifikat mediku li ghandu jittiehed l-ghassa fi zmien sitt seghat. Ghalhekk il-gustifikazzjoni ghan-nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligu in ezami mhux ic-certifikat mediku fih innifsu, imma hija xi kundizzjoni li tpoggi lill-persuna koncernata f'l-impossibilita li johrog mid-dar u jmur l-ghassa, meta din il-kundizzjoni tigi certifikata medikament. Minn dan isegwi li mhux kull certifikat li jista' jintbaghat l-ghassa tal-pulizija f'isem persuna obbligata li tiffirma bail book jiggustifika lil dik il-persuna milli fil-fatt tmur hi tiffirma[7].

Illi mill-provi prodotti fil-kaz in ezami jirrizulta ampjament li minkejja li l-imputat kien obbligat jirraporta f'l-ghass tal-pulizija ta' Rahal l-Gdid u hemm jiffirma l-bail

[5] Dok EA1 a fol 79.
[6] Dok EA2 a fol 79.
[7] Biex il-Qorti taghti ezempju simplistiku, persuna jista jkollha girfa zghira u tottjeni certifikat minghand tabib li jikkonferma li ghandha girfa; minkejja ic-certifikat dik il-persuna zgur li ma tkunx gustifikata jekk tonqos milli tmur l-ghassa biex tiffirma l-bailbook.

book, huwa naqas li jaghmel dan ghal perjodu twil; fil-fatt l-ahhar li mar jiffirma kien fit-30 ta' Settembru 2020.

Illi biex jiggustifika dan in-nuqqas tieghu l-imputat prezenta in atti zewg certifikati u jghid li kien irrikovera lilu nnifsu l-isptar Monte Carmeli.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li l-imputat ma tantx jista jitqies xhud kredibbli. Huwa jghid li l-ewwel certifikat li gie rilaxxjat, dak tat-3 ta' Ottubru 2020, gie rilaxxjat wara li huwa fittex l-ghajnuna tat-tabib Grixti minhabba perjodu hazin li kien ghaddej minnu wara l-mewt taz-zewg genituri tieghu. Jghid li t-tieni certifikat, dak tas-7 ta' Novembru 2020 gie rilaxxjat ghall-istess haga u ghalkemm gie prezentat l-ghassa ma giex accettat peress li ismu gie indikat bhala Noel u mhux Emanuel.

Illi pero qari tac-certifikati juri li l-ewwel certifikat, dak ta' Ottubru, jindika li l-imputat kellu: "*persistent lower abdominal pain with possible urinary tract infection*", u li kien biss it-tieni certifikat li jindika li l-imputat kellu xi probelmi psikologici; dan it-tieni certifikat jindika li l-imputat "*is suffering from severe reactive paranoid depression, on psychiatric treatment. He is currently unable to cope and to go outdoors being so wholly withdrawn*". Ghalhekk huwa car li l-imputat ma kienx korrett f'dak li qal ghaliex f'l-ewwel certifikat m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi problemi psikologici li seta' kien ghaddej minnhom l-imputat. Aktar minn hekk l-imputat ma jistghax jitwemmen f'l-asserzjoni tieghu li t-tieni certifikat gie prezentat l-ghassa imma ma giex accettat minhabba l-isem. Mill-bail book esebit jirrizulta li fic-certifikati li gew prezentati minn zmien ghal zmien mill-imputat ismu dejjem gie indikat bhala Noel u mhux Emanuel. Ghalhekk ma jaghmilx sens dak li jghid l-imputat li c-certifikat ta' Novembru ma giex accettat mill-pulizija ghaliex ismu kien indikat bhala Noel. Aktar minn hekk l-imputat ma gab l-edba raguni ghalfejn l-ewwel certifikat zammu hu u ma hadux ghand il-pulizija.

Illi in oltre mill-provi prodotti jidher li ghalkemm kellu dawk iz-zewg certifikati l-imputat xorta baqa johrog mid-dar tant li l-Ispettur Casha marrat diversi drabi fir-residenza tieghu u ma sabitux hemm. Mhux biss kien johrog imma jiher li l-imputat ma kienx *withdrawn and unable to cope* tant li kien kapaci jindirizza l-bzonnijiet tieghu inkluz li minn Paola fejn joqghod imur f'l-ufficju ta' Identity Malta l-Msida biex jirranga l-karta ta' identita. Minkejja li l-imputat kien f'pozizzjoni li johrog mid-dar huwa xorta naqas, ghal ghaxar gimghat, milli jmur l-ghassa jiffirma.

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li anke kieku l-Qorti kellha tiehu dawk ic-certifikati bhala gustifikazzjoni biex l-imputat ma jmurx l-ghassa, kienu jservu bhala gustifikazzjoni biss ghal ftit granet wara t-3 ta' Ottubru u ghal xi granet wara s-7 ta' Novembru u mhux ghal perjodu kollu li l-imputat naqas li jmur jiffirma.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Mill-provi jirrizulta ukoll li wara l-ewwel arrest tieghu in konessjoni ma' dan il-kaz l-imputat inghata police bail bil-kundizzjoni li jirraporta fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fid-19 ta' Dicembru 2020, pero l-imputat naqas li jaghmel hekk.

Illi mill-provi jirrizulta li meta l-imputat gie arrestat ghall-ewwel darba fil-15 ta' Dicembru ittiehed l-isptar Mater Dei fejn inzamm ghall-oservazzjoni. Minhabba li deher li kien ser jinzamm rikoverat ghal aktar minn tmienja u erghin siegha l-imputat inghata l-police bail b'kundizzjoni li jirraporta gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fid-19 ta' Dicembru. Ghalkemm jirrizulta li fil-21 ta' Dicembru l-imputat irrikovera lilu nnifsu l-isptar Monte Carmeli, allura wiehed jista' jiddeduci li dak in-nhar l-imputat ma kienx ghadu rikoverat f'l-isptar Mater Dei, mill-atti ma jirrizultax meta l-imputat effettivament giex licenzjat mill-isptar Mater Dei. Ghalhekk ma jistax jigi stabbilit jekk fid-19 ta' Dicembru l-imputat kien f'pozizzjoni li jmur il-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li t-tieni imputazzjoni giet pruvata 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha in-natura tal-kundizzjoni li l-imputat naqas li josserva, u min-naha l-ohra l-fedina penali refrettarja tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll li ai termini ta'l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-ordnijiet li ghandhom jinghataw bhala konsegwenza ta' sejbin ta' htija huma tassattivi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbgha (4) xhur prigunerija. In oltre, fil-waqt li tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depozitu u garanzija imsemmija fid-degriet ta'l-10 ta' Gunju 2018, f'l-ammont totali ta' hames telef u hames mitt Euro (€5,500) u fil-waqt li tirrevoka l-imsemmi degriet, tordna r-riarrest immedjat ta' l-imputat.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**